**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 13 t' Ottubru, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Floyd Attard**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Floyd Attard detentur tal-karta tal-identita numru: 400284(M)

1. Akkuzat talli b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, u cioe` talli fil-lejl tas-17 ta' Frar 2017 ghal

habta tal ghaxra ta' filghaxija u/jew hinijiet ohra mill-fond 'Fornaoi Bakery' li jinsab fit-Triq Mater Boni Consigli Fgura u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta` madwar €50 ewro u/jew oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-'mezz' u bil-hin ghad-detriment ta` Christopher Attard minn Santa Lucija u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

2. Ukoll talli lejl bejn is- 17 ta' Frar 2017 u it-18 ta' Frar 2017 f'xi 11.45pm u hinijiet wara mill-pompa tal-petrol 'Grech and Ellul Ltd' li tinsab fi Vjal Sir Paul Boffa Rahal Gdid u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' madwar €75 aggravat bil-mezz, u bil-hin ghad detriment ta' Mario Ellul minn Swieqi u /jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

3. Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara saret fuq il-bieb tal-pompa tal-petrol Grech and Ellul Ltd u/jew oggetti ohra, u liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro (€250), u saret ghad-dannu ta` Mario Ellul u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

4. Ukoll talli fil-lejl tad 19 ta' Frar 2017 ghal habta ta' nofs il-lejl u/jew hinijiet wara bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt billi pprova jisraq flus u/jew oggetti ohra minn fond bl-isem 'Skin Label Tatoo Parlour' li jinsab fit-Triq Bormla Rahal Gdid u/jew f'dawn il-gzejjer iema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghek u li kieku gie esegwit kien ikun aggravat bil-hin, u bil-mezz u kien ikun ghad-dannu ta' Matthew Agius u/jew persuni ohra u/jew

entitajiet ohra.

5. Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, hsara fuq il-hgieg tal-vettrina ta' Skin Label Tatoo Parlour' li jinsab fit-Triq Bormla Rahal Gdid, liema hsara ma tiskorrix elfejn u hames mitt ewro €2500 u tiskorri il-mitejn u hamsin ewro (€250), u saret ghad-dannu ta` Matthew Agius u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

6. Ukoll talli fid-19 ta' Frar 2017 ghal habta tal-4.15am u/jew hinijiet wara mill-fond TIP TOP li jinsab fit-Triq San Tumas Fgura u/jew f' dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' cash register, madwar €200 ewro, labtop tal-ghamla ACER valur ghal ta madwar €1100 u/jew oggetti ohra liema serq aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 ewro), bil-mezz, u bil-hin ghad detriment ta' Jean Pierre Coleiro minn Haz-Zabbar u/jew persuni ohra u/ jew entitajiet ohra.

7. Talli fl-istess data, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara saret fuq il-bieb tal-vettrina tal-fond TIP TOP li jinsab fit-Triq San Tumas Fgura u liema hsara ma tiskorrix elfejn u hames mitt ewro €2500 u tiskorri il-mitejn u hamsin ewro (€250), u saret ghad-dannu ta' Jean Pierre Coleiro minn Haz-Zabbar u/jew persuni ohra u/ jew entitajiet ohra.

8. Ukoll talli f'xi hinijiet fil-lejl ta' bejn it-18 ta' Frar 2017 u id-19 ta' Frar 2017 minn Triq Nazzareno Rahal Gdid u/jew f'dawn il-gzejjer

ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla SUBARU J10 bin-numru tar-registrazzjoni CAQ902 liema serq ta' vettura huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 ewro), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Anthony Mercieca minn Rahal Gdid u/jew persuni ohra.

9. Ukoll talli fix-xhur ta' Frar 2017 u Marzu 2017 f'dawn il-gzejjer, xjentement ilqghajt ghandek jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex tbieghhom jew tmexxiehom.

   Ukoll tall fl-istess cirkustanzi ma obdejtx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta'wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, cioe ta' P185 R.Godano, Pc775 M.Rodo Pc1215 D.Agius jew ma hallejthomx jew fixkilthom waqt kiene qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom jew b'xi mod ieħor, bla jedd, idahal fi dmirhom billi ma hallejtx lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi gibt fix-xejn jew hassart dak li ħaddieħor ikun għamel skont il liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt disposizzjonijiet oħra tal-Kodici Kriminali

   U aktar talli irrendendejt ruhek recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li gejt misjub hati b` diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-6 t' Ottubru, 2017 ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat esprima x-xewqa li jibda programm sabiex jeghleb il-problema tal-abbuz mid-droga kif ukoll il-fatt li t-tielet (3) u s-seba' (7) imputazzjoni kienu mezz ghall-hin tat-tieni (2) u tas-sitt (6) imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 31, 41(1)(a), 261b,c,f,g, 263, 264, 267, 270, 271, 278, 280, 325(1)(b)(c), 338(ee), 279,

334 u 289 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jibda jsegwi programm kontra l-abbuz tad-droga.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**